MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2003

Avviz Numru. 192/2002/1

**Rikors numru 192/02DM**

**Grace Dimech u Nazzarena Meli**

**Vs**

**Martin Bonnici u martu Catherine**

Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti ghal hlas tas-somma ta’ erbat elef u seba’ liri Maltin tnejn u tlettin centezmi (Lm4007.32) li minnhom is-somma ta’ elfejn, mija sitta u disghin liri Maltin (Lm2196) jirrapprezentaw danni minnhom sofferti konsistenti f’diversi bcejjec ta’ mobbli nieqsa u hsarat imwettqa fil-fond “Oleander” Old Railway Track, Santa Venera li kien mikri lill-konvenuti u dan skond certifikat mahrug mill-Perit

Anthony Fenech Vella li kopja tieghu hija annessa mal-avviz u mmarkata Dok ”A”, u l-bilanc ta’ elf tmien mija hdax-il lira Maltin u tnejn u tletin centezmi (Lm1811.32) jirraprezenta arretrati ta’ kera dovuta sad-data tat-terminazzjoni tal-kirja, u cioe fil-21 ta’ Jannar 1999 u kont pendenti tad-dawl u ilma mill-konvenuti kkonsmati fl-istess fond mikri u dan kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjez komprizi il-VAT fuq id-drittijiet professjonali kif ukoll dawk ta’ l-ittra ufficjali li gib id-data tas-16 ta’ Marzu, 2000, u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta’ din l-ittra u cioe mill-21 ta’ Marzu 2000 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici, ghaldaqstant wara li l-Qorti semghet bil-gurament lill-attrici Grace Dimech u rat id-dokumenti esibiti kompriz ir-rapport tal-perit Anthony Fenech Vella issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghdha tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ghar-ragunijiet indikati fl-avviz ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta’ (Lm4007.32) erbat elef u seba liri Maltin u tnejn u tletin centezmu oltre l-imghaxijiet legali b’effett mill-21 ta’ Marzu 2000

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------